# Hemm Ħtieġa li Mmorru Lourdes?

Jiktibilna l-Kav. Stanley Mangion

Ftit taż-żmien ilu, kelli x-xorti li nagħmel btala ġewwa l-belt qaddisa ta' Lourdes ġewwa Franza, qrib ħafna l-muntanji Perinej li minn Franza dawn il-muntanji jgħaddu għal Spanja. Bdejt nitkellem fuq din l-esperjenza ma' grupp ta' nies li kienu jinteressaw ruħhom fid-devozzjonijiet Marjani. Fil-ħin tad-diskursata qabeż jitkellem wieħed raġel u qal bejn wieħed u ieħor dawn il-kelmiet; "Jiena qatt ma mort ġewwa Lourdes u mhemmx bżonn li tmur ġewwa Lourdes biex tikkomunika spiritwalment mal-Madonna". Il-kliem li qalli dan l-individwu tixpruna din il-mistoqsija li biha semmejt it-titlu ta' din il-kitba fqira tiegħi. Hemm ħtieġa li mmorru Lourdes biex nitolbu lil Madonna?

## Il-Madonna tismagħna kullimkien

Naturalment it-tweġiba għal din il-mistoqsija hija sempliċi u kategorika. Żgur li le. Il-preżenza spiritwali tal-Madonna la hi marbuta ma' żmien u wisq aktar ma hi marbuta ma' xi lokal partikolari. Dak kollu li hu spiritwali jiżboq dawn l-elementi naturali li jxekklu lilna l-bnedmin għax aħna, bħala oġġetti materjali aħna marbutin kemm bil-ħin kif ukoll bil-lokalitajiet. Hu minnu li fil-ħajjiet tal-qaddisin insibu li kien hawn qaddisin li kienu meħlusa minn dawn il-ktajjen, biex insejħulom hekk, li jorbtuna mal-post u mal-ħin. Qed nitkellem fuq dak il-fenomenu li jissejjaħ "bilokazzjoni" jiġifieri meta l-istess persuna tkun f'post partikulari u fl-istess ħin tidher f'postijiet oħrajn. Imma din l-esperjenza spiritwali hi għotja jew rigal mogħti minn Alla lil xi ftit individwi biss li ħajjithom tkun tant spiritwalment magħquda m'Alla b'fidi u qdusija l-iżjed kbira. Għalhekk dawn l-esperjenzi nistgħu nsejħulhom eċċezzjonali u ma nsibuhomx fil-ħajja normali tagħna ta' kuljum minn għadd kbir ta' persuni.

Għalhekk il-preżenza spiritwali ta' Marija nsibuha kullimkien madwar id-dinja kollha. Inkunu fejn inkunu, il-Madonna hi disponibbli għat-talb u għat-tifħir tagħna l-bnedmin. Mhux biss il-Madonna hi disponibbli għat-talb tagħna fid-dinja tagħna, nofsanija fil-kobor tagħha, meta nqabbluha ma tant pjaneti oħrajn li jduru madwar ix-xemx li ssaħħanna u mal-qmura li jduru mal-pjaneti kollha, imma hi disponibbli għat-talb u t-tifħir tagħna madwar l-univers kollu li hu tant kbir u infinit. Għalhekk, meta l-astronawti Amerikani niżlu fuq il-qamar tagħna u waħħlu l-bandiera Amerikana fuq dik l-art li sfortunatament hi bla ħajja u hi biss ġebel, il-Madonna kienet hemm, disponibbli għat-talb, għat-tifħir u għall-għajnuna ta' dawn l-astronawti li kienu tant imbegħda mill-orbitu tagħna. Jidher li bħalissa qed isiru tentattivi kbar biex fi żmien mhux ħafna ħafna 'l bogħod, il-bniedem imur jagħmel xi forma żgħira ta' għamara fuq il-pjaneta l-ħamra li aħna nsejħulha Mars. Jissemmew is-snin 2030 li huma snin mhux imbegħdin wisq xħin tqis l-isforzi li jridu jsiru biex iseħħ dan. Dan hu biss tentattiv li jista' jirnexxi u jista' jfalli wkoll. Il-punt tagħna hu li jekk din l-avventura spazjali sseħħ u tkun reali, il-bnedmin li jirfsu fuq din il-pjaneta xorta waħda jistgħu jroddu qima, tifħir u talb ta' interċessjonijiet lil Madonna u naturalment

ukoll 'l Alla, avolja jkunu tant imbegħdin mid-dinja tagħna jew aħjar mid-dinja li ngħixu fiha aħna. Il-Madonna hi għad-dispożizzjoni tal-bnedmin kullimkien u f'kull ħin tal-jum u tal-lejl. Nistgħu nitolbu lil Madonna minn ġewwa d-djar tagħna, minn griebeġ sa vilel. Nistgħu nerfgħu qlubna 'l fuq lejn il-Madonna mill-knejjes tagħna, sa mill-aktar knisja fqira u sempliċi li nistgħu nsibu fil-kampanja tagħna u forsi wkoll f'ħafna artijiet missjunarji li fil-bidu kienu għarajjex biss maħduma mill-qasab tal-bambu u msaqqfa bit-tiben, bit-tajn u bil-pjaneċ, sal-akbar katidrali Gotiċi Ewropej li nsibu fl-artijiet kemm tal-Punent kif ukoll tal-Lvant. Għall-Madonna dawn id-distinzjonijiet ma jagħmlux differenza. Il-Madonna tħares biss lejn il-qalb ta' dawk il-bnedmin li tkun mimlija b'imħabba, safa, tjieba, umiltà, solidarjetà u entużjażmu spiritwali. Jekk il-qlub tal-bnedmin jkunu mimlija suppervja, il-Madonna żgur li ddawwar wiċċha meta dawn il-bnedmin ma jersqux b'umiltà ta' bnedmin niedma u sogħbiena. Il-katidrali nbnew mill-bnedmin għall-bnedmin bħala turija ta' imħabba u rispett lejn Marija Santissima għax il-Madonna jixirqilha l-aħjar. Imma min ma jistax jibni katidrali m'għandux għax jitriegħex jew jistħi miż-żjarat tal-Madonna fi knejjes foqra. Jisgħobbija ngħid jekk il-knejjes tagħna ma jintlewx bin-nies umli li jafu jħobbu, dawn jispiċċaw biss borġ ġebel jew inkella strutturi arkitettoniċi ta' meravilja u għaġeb. Nistgħu nitolbu lill-Madonna fil-ftuħ tal-kampanja. Nistgħu nitolbu lill-Madonna fil-fabbriki tagħna mimlija ħsejjes tal-makkinarji. Nistgħu nitolbu lill-Madonna b'xedd fqir għax m'għandniex x'nilbsu. Nistgħu nitolbu lil Madonna b'ilbies sinjur għax aħna nies għonja. Il-Madonna hi omm twajba mimlija ħniena għal kulħadd, mingħajr għażla ta' lewn tal-ġilda jew status soċjali. Anzi nazzarda ngħid li l-Madonna hi omm speċjali għal dawk il-bnedmin kollha li huma fqar materjalment u fl-ispirtu.

### Il-Madonna twassal il-messaġġi tagħha f'Malta

Il-Madonna wasslet il-messaġġi tagħha madwar id-dinja kollha. M'hemm l-ebda art jew aħjar ġens fejn il-Madonna ma wasslitx il-messaġġi tagħha lilna l-bnedmin ta' ilsna differenti għax il-Madonna hi ta' kulħadd u għal kulħadd. Il-kundizzjoni waħdanija hija l-umiltà. Anki hawn Malta, pajjiż tant ċkejken li fil-mapep jew ma narawhx xejn jew inkella daqxejn ta' tikka jew ponta ta' lapes, il-Madonna ġiet iżżurna wkoll u tatna l-messaġġi spiritwali tagħha ta' omm ħanina u mimlija tjieba. Il-Madonna dehret ġewwa r-Rabat għand l-irhieb Dumnikani darbtejn waħda meta snin ilu dehret lill-kaċċaturi ġewwa l-għar fejn illum insibu kripta ddedikata lill-Madonna u darba oħra, dan l-aħħar, fil-knisja. Id-dehra aħħarija, ix-xbiha tal-Madonna bkiet għax niżel id-dmugħ minn ħaddejha. Patri Martin Caruana O.P. kien l-ewwel reliġjuż li xehed għal dan id-dmugħ li ħareġ minn għajnejn il-Madonna. Saru inkjesti kemm Malta kif ukoll mill-Vatikan, minn kumissjonijiet li kienu jinkludu wkoll lajċi esperti fil-materja. Dawn kollha kkonfermaw li m'hemmx dubji dwar l-awtentiċità ta' dan id-dmugħ. Id-dmugħ tal-Madonna hu xhieda li aħna l-Maltin qegħdin tant nitbegħdu mill-ispirtu nisrani li qed iġib rovina sħiħa fis-soċjetà tagħna. Dan id-dmugħ hu twissija ħelwa tal-Madonna biex ma nitbegħdux mit-triq it-tajba li twassalna għand Ġesù.

Il-Madonna dehret ukoll ġewwa l-gżira Għawdxija lil Karmni Grima. Din il-mara twajba semgħet lill-Madonna ssejħilha minn dik il-kappella żgħira mibnija ġo għar qalb ir-raba' ħadrani Għawdxi. Il-Madonna kompliet tħeġġeġ id-devozzjoni Marjana, ħeġġet għat-talb u għall-indiema. Il-messaġġ tal-Madonna hu bażikament l-istess kull fejn dehret. Naħseb li xi darba jew oħra lkoll kemm aħna żorna l-gżira Għawdxija u dħalna ġo dak l-għar fejn hemm ix-xbiha ta' Marija Mtellgħa s-Sema u ġo dak l-għar ħassejna s-serħan tal-Madonna

li jfarraġ il-qlub tagħna niedma u sobgħiena mħejjija biex naqilgħu l-maħfra ta' dnubietna. Ġewwa dak l-għar jew taħtu, qrib tiegħu tlabna l-għajnuna meħtieġa minnha, fir-ruħ u fil-ġisem. Fil-ħajja tagħna ħassejna l-għajnuna spiritwali, il-faraġ fid-dwejjaq tagħna li jġibulna l-problemi familjari u soċjali fil-qalb u fil-moħħ tagħna l-bnedmin. Kemm jeħfief il-madmad ta' ħajjitna meta nintlew bl-imħabba lejn il-Madonna u lejn binha Ġesù! Fil-ħajja tagħna, irridu u ma rridux jkollna nġorru s-slaleb tal-ħajja. Dawn is-slaleb jesperjenzahom kulħadd, bla ebda eċċezzjoni, int x'int u int min int. Id-differenza hi biss fil-mod kif nilqgħuhom u kif se ngħixhuhom. Jew ngħixuhom weħidna u nitfixklu sa saħansitra nistgħu niddispraw jew ngħixuhom magħqudin mal-Mulej. Fit-tieni mod insibu l-faraġ u nirbħu merti kbar quddiem Alla. Bit-tbatija tagħna nistgħu nkomplu fejn ħalla Kristu, biex inkomplu nsalvaw id-dinja u l-bnedmin. Il-Papa Benedettu XVI radd lil dan il-kwadru tal-Madonna, l-fjura tad-deheb li hi xhieda ta' għarfien f'din id-dehra Marjana.

## Il-Madonna twassal il-messaġġ tagħha mad-dinja kollha

Ftit tal-ħin ilu dħalt fuq l-internet u sibt tagħrif dwar id-dehriet tal-Madonna madwar id-dinja kollha. Il-lista hi twila ħafna u se nġib fil-qasir dehriet minnhom. Ma nistax inġibhom kollha minħabba t-tul tagħha. Imma nħossni ċert li d-dehriet li se nġib jagħtu dehra tajba tal-universalità tad-dehriet tal-Madonna. Tassew li l-Madonna ma tinsa lil ħadd.

Guadalupe, il-Messiku fl-1531 lil San Juan Diego

Il-Madonna Mirakuluża f'Pariġi-Franza fl-1830 lin-novizza Catherine Laboure.

La Salette, Franza fl-1846 liż-żewġt itfal, Maximin Giraud u Melane Calvat.

Lourdes, fil-11 ta' Frar, 1858 lil Bernardette. Il-Madonna qaltilha li hi l-Kunċizzjoni Immakulata.

Pontmain-Franza lis-subien Joseph u Eugene fl-1871 fi żmien il-gwerra Franza-Prussja.

Knock-Irlanda fl-1870 lill-ġgajta ta' nies jitolbu.

Fatima-il-Portugal, fl-1916, lil Lucia, Francesco u Giacinta.

Beauraing, il-Belgium bejn l-1932/1933 lil ħamest it-tfal

Bauneaux, il-Belġju fit-2 ta' Jannar u fit-2 ta' Marzu, 1933 lil Mariette Beco.

Pompei fl-1876

Il-Madonna tad-Dmugħ ġewwa Sirakuża, 1953 lil Antonia u Angelo Iannuso

Fl-1664 ġewwa Laus fi Franza lir-ragħaj Benoite Rencurel

F'Tensta fl-Isveżja fl-2012 lill-kappillan Sirjan ortodoss fejn tablet lill-Insara biex jitolbu għall-paċi

Fl-1973 ġewwa Akita l-Ġapan fejn kellmet lil Suor Agnese Katsuito Sasagawa

Fl-1489 ġewwa Altotting il-Ġermanja

Fl-1655 ġewwa Czestochowa fil-Polonja

Fl-1541 ġewwa Ocotlan il-Messiku lil Juan Diego Bernardino

Fit-2 ta' Jannar u t-2 ta' Marzu lil Mariette B eco ġewwa Banneaux, il-Belġju

Fl-1981 ġewwa Medjugore lil sitt it-tfal u stqarret li hi s-Sultana tal-Paċi

Fi Buenos Aires l-Arġentina bejn l-1983 u 1990 lil Gladys Hermina Quiroga de Motta

Kien hemm ħafna dehriet oħrajn tal-Madonna li minħabba t-tul tal-artiklu jkun impossibbli li nidħlu fid-dettal. Biss se nsemmi żewġ dehriet individwali. Dawn huma lil San Duminku fejn ħeġġet għat-talb bl-interċessjoni tal-Madonna biex tintrebaħ l-ereżija tal-Albiġiżi u oħra lil San Massimiliano Kolbe fejn irregalatlu żewġ dafriet, il-kuruna tal-martirju u l-kuruna tas-safa.

## X'Kien dejjem il-Messaġġ tal-Madonna

Ma nistgħux nidħlu fid-dettal għax ma nispiċċaw qatt. Imma l-messaġġi ewlenin kienu tista' tgħid komuni f'kull dehra tagħha ġewwa d-dinja. Il-Madonna dehret f'tant pajjiżi differenti u f'tant żminijiet differenti li juruna kemm il-Madonna qatt ma nsiet lil ħadd u qatt ma nsietna f'xi żmien partkulari fl-istorja tagħna l-bnedmin. Il-messaġġi ewlenin fid-dehriet tal-Madonna naħseb li jinġabru f'erba'. Dawn huma: L-ewwel messaġġ hu t-talb u reparazzjoni, l-aktar bit-talba tar-Rużarju. It-tieni messaġġ hu l-penitenza profonda fis-sens ta' konversjoni tal-midinbin. Il-Madonna dejjem ħasset għafsa ta' qalb għal dawk l-erwieħ li jitbegħdu mill-ħajja t-tajba u jintilfu fid-dinja eterna. Il-Madonna dejjem ħeġġitna fid-dehriet tagħha biex nitolbu għall-paċi u s-sliem fid-dinja. Il-Madonna tant tħoss għafsa ta' qalb kbira meta tara tant nies qed ibatu u jmutu minħabba l-ġwerer li huma frott tal-egoiżmu u l-kilba għall-poter. Ir-raba' hu messaġġ jew tagħlim dommatiku l-aktar dwar l-Immakulata Kunċizzjoni. Il-Madonna tixtieq, li bħalha, aħna nkunu mingħajr t-tebgħa tad-dnub. Tridna nżommu quddiem għajnejha din ix-xewqa tagħha biex niksbu l-indiema u l-maħfra ta' dnubietna. Il-Madonna tagħtina messaġġ tant ħelu u sabiħ biex meta nidimbu nersqu lejn is-sagrament tal-qrar jew tar-rikonċiljazzjoni biex dnubietna jinħafru u ma nitbegħdux mit-tqarbin.

## Għalfejn il-pellegrinaġġi lejn Lourdes

Wara li rajna s-sbuħija tal-preżenza tal-Madonna fejn qasmet imħabbitha mal-umanità kollha mifruxa fuq il-globu tagħna, tiġi weħidha l-mistoqsija; "X'immorru nagħmlu Lourdes jekk il-Madonna nistgħu nkellmuha u niftħu qalbna magħha kullimkien?" Hawn qiegħed insemmi l-pajjiż ta' Lourdes bħala xi ħaġa partikulari fis-sens li hu midħla ħafna tagħna l-Maltin. Kull meta tkellimt ma' xi ħadd li żar Lourdes dejjem għamiltlu dawn iż-żewġ mistoqsijiet. L-ewwel; "Ħadt pjaċir iżżur il-post fejn dehret il-Madonna, partikularment il-grotta fejn tkellmet ma' Bernadina?" It-tieni mistoqsija tiegħi dejjem tkun, "Tixtieq terġa' tmur Lourdes biex terġa' titlob, fl-għar qaddis fejn il-Madonna tkellmet ma' Bernardette?" S'issa qatt ma smajt lil xi ħadd iwieġeb fin-negattiv għall-ewwel mistoqsija. Kulħadd jgħidli kemm ħa pjaċir. Kemm kien kbir il-ferħ li ħassew meta messew mal-blat li fuqu strieħet l-omm tagħna spiritwali. Huma ħafna dawk in-nies li jgħidulek li l-ferħ spiritwali li ħassew hu iebes ħafna biex jesprimuh. Oħrajn itennu li l-ferħ li ħassew issarraf fi sliem u paċi kbira tal-qalb u ħassewhom jistrieħu mit-toqol li ġġib magħha l-ħajja li ngħixu f'din id-dinja. Ħadu tant pjaċir jaqsmu l-ħajja spiritwali ta' Lourdes ma' tant u tant eluf ta' nies minn kull rokna tal-globu tagħna. Ġo Lourdes tara tant razez ta' nies. Forsi llum, Malta wkoll naraw tant razez ta' nies u għalhekk din l-esperjenza ġewwa Lourdes mhux xi ħaġa li ma naraw inkien iżjed, anzi hi komuni ħafna illum! Imma ġo Lourdes, tħoss l-għaqda ta' twemmin fost din id-diversità tant kbira ta' kulturi differenti, t'ilsna differenti u esperjenzi differenti. Dan it-twemmin hu l-imħabba eżistenzjali lejn il-Madonna bħala Omm il-Bnedmin Kollha. Hi esperjenza eżistenzjali għaliex mhux biss taraha, imma tgħixha fil-profondità tagħha. Ġewwa Lourdes issir kuljum il-purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna *aux flambeaux*. Kemm hi kbira d-devozzjoni tar-reċita tar-Rużarju b'diversità t'ilsna! Minkejja din d-diversità, kulħadd jitlob din it-talba b'leħen imħeġġeġ, mimli devozzjoni, mimli fidi, mimli tama u mimli mħabba. Xi ngħidu għall-purċissjoni li ssir, li fiha jieħdu sehem il-morda! Il-voluntiera ħerqana jiġbdu l-karrijiet li fihom ikun hemm tant kwalitajiet ta' nies iġorru tant u tant kwalitajiet ta' mard. Dawn il-morda kollha, minkejja l-mard tagħhom, kollha kemm

huma jgħixu l-esperjenza spiritwali tal-preżenza ta' Marija. Il-preżenza tal-Madonna f'dan l-imkien qaddis tħoss li hi konkreta u teżisti tassew. Id-dehra tal-Madonna ġrat f'perijodu partikulari tal-istorja tal-umanità. Imma ma tieqafx hemm. Hemm il-preżenza spiritwali materna tal-Madonna li mhiex marbuta ma' żmien partikulari. Il-preżenza spiritwali tal-Madonna tisboq kull żmien u tisboq kull limitazzjoni ta' spazju. Għalkemm għaddew tant snin mid-dehra storika tagħha, il-preżenza spiritwali ta' Marija hi attwali għal kull żmien. Din il-preżenza ta' Marija hi marbuta wkoll fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ewkaristija, il-quddiesa. Dan għaliex il-Madonna ma tistax tinfired minn binha Ġesù. Fejn hemm Kristu, hemm il-Madonna u fejn hemm il-Madonna hemm Kristu. Ma tistax titfisser id-devozzjoni li biha l-pellegrini jersqu biex jirċievu l-ġisem u d-demm ta' Kristu fl-Ewkaristija! Lourdes hu post imqaddes bil-preżenza ta' miljuni ta' pellegrini li mhux biss jemmnu fl-Ewkaristija, imma jirċevuha wkoll b'imħabba l-iżjed kbira bħala l-isbaħ għotja tiegħu nnifsu li tana l-Mulej, "awl il-lejl qabel ma bata". Ma nistgħux nqegħdu lill-Madonna qabel Kristu, għax jekk nagħmlu hekk inkunu qed inqegħdu l-karettun qabel iż-żiemel! Il-Madonna hi "il-qaddejja tal-Mulej" u stoqqilha tkun Omm Alla għax qdiet il-missjoni tagħha fil-milja tagħha. Imma mill-banda l-oħra ma nistgħux nġennbu lill-Madonna u nħalluha 'l bogħod minn Ġesù. Kemm hi esperjenza t'għaxqa meta naraw lil ommijietna f'għaqda tant sħiħa ma' uliedhom! Kemm nifirħu meta naraw din l-għaqda materna li ħafna drabi nxebbhuha tant tajjeb ma' qroqqa li tiġbor taħtha lill-flieles tagħha, kollha kemm huma, f'għaqda sħiħa! Allura l-għaqda tal-Madonna ma' binha Ġesù ma tisboqx l-għaqda instintiva tal-qroqqa u l-flieles? L-Ewkaristija hi s-sagrament tal-għaqda. Hemm ħafna forom u teżisti ħafna diversità. Imma wieħed hu l-ġisem mistiku ta' Kristu li hi l-Knisja. Hawnhekk ukoll irridu nsemmu l-esperjenza ferm sabiħa tal-għozz fil-banjijiet li jinsabu qrib ħafna tal-grotta fejn uriet lilha nfisha l-Madonna. Jiena nistħajjel li dan ir-rit sagramentali bħal xebh tal-ħasil mill-ġdid permezz tal-magħmudija. Fil-bidu tal-knisja, il-katekumini kienu jgħozzu fl-ilma, ġo vaska, min-naħa għall-oħra. Biex isir dan ir-rit devozzjonali li xtaqitu l-Madonna, hemm nies b'esperjenza kbira li jniżżluk ġol-vaska tal-ilma b'tant ħeffa li kważi kważi l-anqas tinduna. Tħoss il-kesħa tal-ilma ġieri mexxej u tħossha bħall-dehxa li tant tgħaddi malajr. Dawn in-nies, qabel ma jniżżluk fl-ilma jagħtuk ħin biex tħares lejn ix-xbiha tal-Madonna u titlobha espressament xewqa li tkun ilha tberrem f'moħħok u f'qalbek. Ċertament jkunu ħafna x-xewqat. Ma tantx tista' tkun tafhom malajr għax tista' tgħid li dejjem ikunu xewqat intimi u personali li ma tesprimihomx ma' kulħadd u kif ġie ġie. Ix-xewqa li tlabt jien lil Madonna kienet il-maħfra ta' dnubieti għax dak il-ħin ħassejtni wisq konxju mid-dgħjufija spiritwali tiegħi.

Issa nixtieq nitkellem ftit magħkom dwar it-tieni mistoqsija li semmejt, jiġifieri jekk tixtieqx terġa' żżur Lourdes. Kien hemm raġel partikulari li fisser ruħu hekk; "Jiena raġel li dejjem, jekk inżur xi post, ma nerġax inżuru għat-tieni darba. Imma Lourdes hu xi ħaġa differenti. Ġejt hawn diġà erba' darbiet. Imma minkejja l-marda tiegħi, biex insejħilha hekk, li meta nkun żort post ma nerġax inżuru, nixtieq u nitlob bil-qalb li f'ħajti jkolli x-xorti li nerġa' nżur dan il-post ta' Lourdes, post imbierek bil-preżenza ta' Marija." Kemm hi sabiħa l-preżenza ta' Marija f'dan l-imkien! Imkien li tqaddes bil-preżenza ta' Marija! Litteralment iġġagħlek tixtieq terġa' tmur. Iġġagħlek tixtieq terġa tesperjenza mill-ġdid il-preżenza ta' Marija fil-ħajja tiegħek. Kemm hi sabiħa l-esperjenza li tqiegħed mill-ġdid dik ix-xemgħa quddiem dik ix-xbiha tal-Madonna ġewwa l-għar fejn dehret, li timliek b'entużjazmu spiritwali kbir fil-qalb tiegħek. Kemm tithenna. Kemm tħossok qrib il-Madonna. Quddiem

il-Madonna, kulħadd jitlob b'qawwa spiritwali kbira. Ġewwa Lourdes kulħadd jersaq b'din l-esperjenza spiritwali tal-fejqan tar-ruħ, l-ewwel u qabel kollox. Ġewwa Lourdes il-Madonna ma wegħditx il-ġid materjali li jġib miegħu xi rebħa ta' xi lotterija. Il-Madonna ma wegħdiex lanqas il-fejqan tal-ġisem. Il-Madonna wegħdet il-fejqan tar-ruħ imnikkta u mtaqqla minn dnubietna. Hu minnu li f'Lourdes seħħew il-mirakli fil-ġisem ta' tant nies. Hemm sebgħin miraklu approvati mill-Knisja Kattolika li seħħew f'Lourdes. Hemm oħrajn li mhumiex approvati bħala miraklu u għalhekk meqjusa bħala grazzji tassew kbar. Imma bla dubju ta' xejn l-ikbar miraklu li jseħħ f'Lourdes huwa l-fejqan tar-ruħ. Inħossni konvint li dan il-miraklu ma seħħx sebgħin darba biss. Dan hu ftit wisq! Konvint li dan il-miraklu seħħ għall-sebgħa għall-sebgħin darba fi żgur. Kemm nies marru Lourdes b'kurżità u ħarġu lura minn dan il-post, bil-konvinzjoni tat-twemmin! Dan mhux miraklu akbar minn dak li jseħħ bil-fejqan tal-ġisem? Kemm miljuni ta' nies marru jibku f'riġlejn il-Madonna, ġewwa Lourdes u ħarġu minn hemm mimlija konsolazzjoni spiritwali! Dan mhux miraklu akbar minn dak il-miraklu fil-ġisem? Il-mirakli fil-ġisem huma t-twettiq u x-xhieda tal-mirakli fir-ruħ u fil-qalb tal-bnedmin!

Allura dawk il-bnedmin li mgħandhomx mezzi finanzjari jew flus biex isiefru u jmorru Lourdes huma mċaħħda mill-konsolazzjoni u l-konverżjoni tal-qalb li ġġib magħha żjara ġewwa l-imkien fejn dehret il-Madonna? Żgur fuq li żgur li t-tweġiba hi kategorikament LE. Il-konsolazzjonijiet spiritwali li jseħħu f'Lourdes nistgħu ngħixuhom fid-djar tagħna, fil-knejjes tagħna, fis-santwarji tagħna u f'dawk l-imkejjen ġewwa pajjiżna stess fejn il-Madonna wasslitilna l-messaġġi sbieħ spiritwali tagħha. Kif jista' jseħħ dan? Dan jista' jseħħ biss jekk aħna nersqu lejn il-Madonna bl-istess twemmin u fidi ta' dawk il-pellegrini li jersqu lejn il-Madonna ġewwa l-art imbierka ta' Lourdes. Biex nersqu lejn il-Madonna mgħandniex ħtieġa ta' flus, dehbijiet, xenxilli u x'naf jien. Hu sabiħ li tagħti lil Madonna, b'radd ta' ħajr ta' wegħda, xi rigali b'radd il-ħajr. Imma l-ewwel u qabel kollox mhumiex dawn l-affarijiet. Dawk huma ħwejjeġ sekondarji u ta' anqas importanza. Biex nersqu lejn il-Madonna hemm ħtieġa ta' ħaġa waħda biss. Fidi sħiħa fil-qawwa spiritwali u materjali tal-Madonna. Dik emmna li tnissel fina qalb niedma u sogħbiena. Mhemmx ħtieġa li nċarrtu ħwejjiġna, iżda li "nċarrtu qlubna" u nintlew bl-imħabba lejn Kristu li miet għalina biex jagħtina l-maħfra biex inkunu ġustifikati. Irridu nagħtu ġieħ u foħrija lill-Madonna ġewwa darna, ġewwa s-santwarji tagħna u ġewwa l-knejjes tagħna b'dik l-istess imħabba li Marija kienet tħobb lil binha Ġesù u b'dik l-istess imħabba li Ġesù kien iħobb lil ommu Marija. Jekk nersqu b'dawn is-sentimenti, inkunu qisna qegħdin Lourdes, f'riġlejn il-Madonna li tfarraġna u timliena bit-tbissima, f'ħajja mimlija tensjoni, tant li nqisuha "wied tad-dmugħ".

Biss il-parir tiegħi hu li jekk il-Mulej ikun ipprovdilkom mezzi finanzjarji li bihom tistgħu titbegħdu minn art twelidna u tagħmlu xi safra lejn xi pajjiż ieħor, ftakru f'dawn l-imkejjen qaddisa madwar id-dinja fejn dehret il-Madonna u żuru xi wieħed minnhom biex tesperjenzaw aktar il-ħlewwa, il-faraġ u s-sbuħija spiritwali tal-Verġni Imbierka, Omma Alla u Ommna. Il-Madonna li dejjem turina u tressaqna lejn binha Ġesù hi omm "avukata tagħna" li "ddawwar lejna dawk l-għajnejn" tagħha "ta' ħniena" u "wara dan it-turufnament" turina "lil Ġesù, frott imbierek tal-ġuf" tagħha.